MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru. 305/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Dennis Theuma]**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Brian Fenech**

Kumpilazjoni Nrumru 305/2007

**Illum 30 ta’ Gunju 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Fenech ta’ 31 sena iben Angelo u Maria Dolores xebba Borg, imwieled Pieta fit-18 ta’ Ottubru, 1974 u residenti Nru. 4, Marclau Flats, Flat 4, Triq il-Munxar, Marsascala u detetntur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 51574M.

Akkuzat talli f' dawn il-gzejjer fil-21 ta' Jannar, 2006 u fil-gimghat ta' qabel din id-data b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' risoluzjoni wahda:

a) Xjentement ghex ghal-kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna minuri ta' nazzjonalita Maltija u dan bi ksur ta' l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Biex jissodisfa iz-zina ta' haddiehor, hajjar ghal-prostituzzjoni persuna taht l-eta` jew eccita l-korruzjoni taghha jew ghen jew iffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzjoni.

c) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi skond il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni d-droga imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Ittraffika biegh qassam jew offra li jittrafika, ibieh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-sahha pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet at' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika

u l-Professjonijiet li ghamdhom x' jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

e) Ipproduca, biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas lir-registratur tal-Qorti l-ispejjes kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk ta' esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta f' dak iz-zmien w f' dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali mahrug sia ai termini ta' l-artikolu 120A tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta sia ai termini ta'l-artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll il-kunsens mahrug ai termini ta' l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu 204 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 7(1) tal-Kap 63 tal-Ligjiet ta' Malta, l-artikolu 8(b) u s-sitt taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 u ta'l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-atti processwali inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet taz-zewg partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma li hajjar persuna taht l-eta ghall-prostituzzjoni, li ghex fuq il-qliegh ta' prostituzzjoni ta' persuna minorenni, u li forna, prokura

u traffika droga u/jew medicina psikotropika jew ristretta; dawn l-imputazzjonijiet jikkoncernaw fatti li allegatament graw fil-gimghat ta' qabel il-21 ta' Jannar 2006.

Illi resqu bhala xhieda ta'l-prosekuzzjoni z-zewg ufficjali prosekuturi u l-minuri koncernata; ghad-difieza xehed l-imputat. Apparti minn dawn xehedu tlett psikjatri: wiehed waqt l-inkjesta[1], wiehed bhala xhud tal-prosekuzzjoni u l-iehor bhala xhud tad-difieza.

Illi fil-kors tal-proceduri gie nominat espert biex jigi analizzat t-telefon cellulari tal-minuri. L-informazzjoni miksuba minn dan it-telefon ma tefghat l-ebda dawl fuq l-imputazzjonijiet odjerni.

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-Ispettur Aquilina spjega li fis-7 ta' Jannar 2006 il-minuri Omissis kienet giet rapportata nieqsa, spjega ukoll x'passi hadu l-pulizija u l-familjari taghha biex tigi rintraccata, u kif attwalment giet intercettata mill-pulizija b'l-ghajnuna ta' terza persuna li maghha kienet ghamlet kuntatt Omissis. Aktar minn hekk l-Ispettur Aquilina rrakkonta biss dak kollu li kienet qaltlu Omissis waqt l-investigazzjoni ta' dan il-kaz.

Illi l-Ispettur Theuma min-naha l-ohra spjega li huwa gie involut f'din l-investigazzjoni minhabba l-allegazzjonijiet maghmula minn Omissis (wara li nstabet) dwar pussess u traffikar ta' drogi. Huwa ukoll fil-maggor parti tad-depozizzjoni tieghu jirrakkonta x'qalu kemm Omissis kif ukoll l-imputat f'l-istqarrijiet taghhom. Huwa pero qal ukoll li fil-kors ta'l-investigazzjoni saret tfixxija fir-residenza u fil-vettura ta'l-imputat u ma nstab xejn li jista jkollu x'jaqsam mal-vizzju tad-droga.

Illi fir-realta l-unika xhud tal-prosekuzzjoni dwar il-fatti kienet Omissis. Hija rrakkontat diversi fatti, b'certu dettal, li jikkoncernaw l-imputat u li certament jinkwadraw ruhhom f'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

---

[1] L-inkjesta dwar l-istqarrija guOmissisentata ta' Omissis esebieta a fol 20 et seq tal-process.

Illi huwa principju ben stabbilit li xhud wiehed, jekk emmnut, huwa bizzejjed bhala prova tal-fatti minghajr bzonn ta’ xi korroborazzjoni. Konsegwentement fil-kaz in ezami il-fattur determinanti huwa l-kredibilita o meno tax-xhud Omissis.

Illi Omissis xehdet tlett darbiet quddiem din il-Qorti u kienet xehdet darba ohra quddiem il-Magistrat Inkwirenti meta kkonfermat b’guOmissisent l-istqarrija li hija kienet irrilaxxjat lill-pulizija.

Illi qari ta’ dawn id-depozizzjonijiet iqajjem diversi mistoqsijiet dwar l-attendibilita ta’ Omissis bhala xhud. Hija fil-fatt biddlet il-verzjoni taghha diversi drabi ghal dak li jikkoncerna diversi aspetti tar-rakkont taghha, uhud direttament konnessi mas-sostanza ta’l-imputazzjonijet odjerni, ohrajn li huma relevanti in kwantu jimpingu fuq il-kredibilta ta’ din ix-xhud.

Illi per ezempju f’l-istqarrija taghha Omissis qalet li waqt li kienet ma’l-imputat hadet kokajina ecstasy u haxixa; qalet ukoll li kienet ilha tiehu l-haxixa mis-sena 2005 pero kokajina u ecstasy l-ewwel darba li hadet kien ma’ l-imputat. Fit-tieni depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti Omissis qalet li hija ma kienet hadet l-ebda tip ta’ droga qabel ma ltaqghat ma’ l-imputat; qalet ukoll diversi drabi f’din it-tieni depozizzjoni li fil-perjodu li kienet ma l-imputat qatt ma hadet ecstasy la min ghandu u lanqas minghand Lorriane Cassar. Fit-tielet depozizzjoni taghha pero qalet li minghand Lorriane Cassar hadet ecstasy.

Illi Omissis tat verzjonijiet kunfliggenti anke dwar kemm qattghet hin ma l-imputat. Hi ghall-ewwel bdiet tallega li kienet ghamlet xi granet ghand certu Kenneth Cassar, mbaghad xi hamest ijiem ma’ l-imputat u mbaghad numru ta’ granet ma certu Adrian Busuttil. Eventwalment qalet li mhux veru li kienet ghamlet xi granet ma Busuttil imma qalet li kull referenza ghal Busuttil kienet referenza ghall-imputat, u li hija kienet baqghet ma’l-imputat sal-gurnata li sabuha l-pulizija u ghalhekk kien l-imputat li kien johodha l-Gzira. Il-gustifikazzjoni taghha ghal dan il-gideb kien li kienet qed tghatti ghall-imputat ghax hekk talabha

taghmel l-imputat u li hi ma kellhiex triq ohra. Il-Qorti pero ma tistax tifhem kif Omissis bezghet tghid li l-imputat kien qed jipprostitwiha imma ma kellha l-ebda diffikolta tinkrima lill-imputat b’reati serjissimi bhal m’huma pussess aggravat u traffikar ta’ droga. Lanqas ma jaghmel sens li l-imputat jghid lil Omissis biex ma tghid xejn dwar l-involviment tieghu fil-prostituzzjoni taghha pero ma jaghtiha l-ebda “struzzjonijiet” dwar dak li hi tghid hu pussess u traffikar tad-droga da parti tieghu.

Illi Omissis tghid ukoll li Fenech kien qed izommha imsakkra d-dar tieghu , kienet imgieghla taghmel atti sesswali (almenu ghal dak li tghid li gara l-Gzira), u implikat li hija ma kenitx libera biex titlaq mid-dar ta’l-imputat. Pero minn-naha l-ohra tghid li hija kellha t-telefon cellulari taghha fil-pussess taghha il-hin kollha u kienet tuzah libeOmissisent biex iccempel u tibghat messaggi. Hija tghid ukoll li meta kienet tkun ma’ l-imputat fil-vettura tieghu, partikolarment meta kien imur l-ghassa tal-pulizija (hu kien imur kuljum) hi kienet tkun mieghu u l-imputat kien ihalliha wahedha fil-vettura. Tul dan iz-zmien kollu hi m’ghamlet l-ebda tentattiv biex titlob ghajnuna bit-telefon taghha, u lanqas m’ghamlet xi tentattiv biex tahrab waqt li tkun wahedha fil-vettura. Naturalment wiehed ma jistax jinsa ukoll li meta Omissis giet intercettata mill-pulizija hija kienet marret wahedha mid-dar ta’l-imputat sal-Gzira bil-karozza tal-linja biex tiltaqa’ ma’ habib taghha.

Illi anomalija ohra fil-provi (u li tikkontradici dak li tallega Omissis) hija dik li tirreferi ghall-analizi li saru fuq il-kampjuni ta’l-urina u d-demm ta’ Omissis mehuda dak in-nhar stess li hija gie intercettata mill-pulizija. Minn dawn l-analizi rrizulta li ma nstabu l-ebda tracci ta’ sostanzi illecieti. Dan jikkontrasta hafna dak li qalet Omissis li waqt li kienet ma’ l-imputat kienu jiedhu haxixa kokajina u ecstasy partikolarment fil-weekends (hija nstabet is-Sibt).

Illi f’ dan il-kuntest huwa relevanti ukoll li, kif diga intqal aktar ‘l fuq, meta sarret tfixxija mill-pulizija fir-residenza u l-vettura ta’ l-imputat ma nstab xejn li b’xi mod jista’ jkun konness mal-vizzju tad-droga.

Illi fil-fehma tal-Qorti d-depozizzjonijiet ta' Omissis ghandhom jinqraw ukoll fid-dawl ta' dak li xehdu dwarha it-tlett psikjatri li minn zmien ghal zmien kienet taht il-kura taghhom. Huma taw l-opinjonijiet taghhom dwar Omissis u ghakemm ma kenux kompletament konformi fil-konkluzzjonijiet taghhom jirrizulta ampjament li Omissis hija persuna li taf tigdeb u timmanipola lin-nies.

Illi ta' min wiehed jirrileva li l-imputat, kemm f'l-istqarrija kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu, fil-waqt li jammetti li zamm lil Omissis ghandu ghal xi granet u li hadha ghand Lorriane Cassar huwa jinnega kull allegazzjoni ohra maghmula fil-konfront tieghu.

Illi tenut kont ta' dan kollu l-Qorti ma' tistax taghti kredibilita lit-testimonjanza ta' Omissis. Il-Qorti hija tal-fehma li din l-unika prova tal-prosekuzzjoni in sostenn ta'l-akkuzi maghmula fil-konfront ta'l-imputat ma tikkostitwiex prova 'l hemm minn kull dubbju ragonevoli tal-htija tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Il-Qorti, peress li x-xhud Omissis kienet minorenni fil-perjodu in kwistjoni, tordna li isimha ma jissemma f'l-ebda mezzi ta' kommunikazzjoni, xandir jew stampa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------